# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF
## ONOR. ROBERT G. MANGION

## ILLUM, 16 TA' MEJJU 2022

**Rik. Ġur. 684/2013 RGM**

**Tonio Caruana (I.D. 726956M)**

**Vs.**

**Buz-Dov Properties Limited**
**(C 38478)**

**Il-Qorti,**

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Novembru 2021 minn fejn jirriżulta li dakinhar il-kawża ġiet differita *sine die.*

Rat illi mill-proċess jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta kienet ġiet *struck off* minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-2 ta' Lulju 2020[1];

[1] Ċertifikat rilaxxjat mill-Malta Business Registry - paġna 318 tal-proċess

Rat illi d-diretturi tas-soċjeta’ konvenuta kienu istitwew kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fl-ismijiet “James Mifsud et. vs Reġistratur tal-Kumpaniji” sabiex is-soċjeta’ konvenuta tigi mqiegħda mill-ġdid fuq il-lista tal-kumpaniji ai termini tal-**Artikolu 325 (4) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta’ Malta;**

Rat illi dik il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fis-6 ta’ Diċembru 2021 fejn it-talba sabiex is-soċjeta’ konvenuta terġa titqiegħed fuq il-lista tal-kumpaniji **ġiet miċħuda**;

Rat **Artikolu 964 tal-Kapitolu 12** tal-Liġijiet ta’ Malta li jipprovdi illi (1) kull kawża li jkun hemm f’qorti ta’ ġurisdizzjoni ċivili li, wara li tkun ġiet mressqa għas-smigħ, tiġi, b’ordni tal-qorti, differita *sine die* jew xort’oħra sospiża għandha titqies bħala deżerta sakemm ma tiġix appuntata mill-ġdid mill-qorti fiż-żmien perentorju ta’ tliet(3) xhur minn meta tkun hekk ġiet differita jew sospiża jew ikun ġie ppreżentat fil-qorti rikors, f’dak il-perjodu, biex tiġi appuntata mill-ġdid; (2) Iżda meta l-kawża tkun ġiet sospiża sakemm tiġi deċiża kawża oħra, iż-żmien jibda għaddej mid-data meta din is-sentenza tkun mogħtija

Ikkonsdrat illi matul it-terminu perentorju ta' tlett xhur stabbilit bl-Artikolu 964 tal-Kap. 12 l-attur ma ressaq l-ebda talba sabiex il-kawża odjerna tiġi riappuntata.

**Provvediment.**

**Għal dawn il-motivi, u wara li qieset illi it-terminu perentorju ta' tlett xhur stabbilit bl-Artikolu 964 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għadda mingħajr ma irċeviet talba sabiex tirriappunta l-kawża,**

**1. Tiddikjara li l-kawża odjerna marret deżerta ai termini tal-Artikolu 964 tal-Kap. 12;**

**2. Tordna li l-kawża odjerna tiġi mħassra minn fuq il-lista tal-kawżi.**

**Digriet mogħti kameralment illum 16 ta' Mejju 2022.**

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**